LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 452.58

ORDNI TAL-KUNSILL TAL-PAGI TA' L-AĠENZIJI TA' L-IVJAĠĠAR U ASSIKURAZZJONI BIEX JIRREGOLA L-PAGI*

27 ta' Frar, 1978

L-AVVIŻ LEGALI 22 tal-1978, kif emendat bl-Avviżi Legali 34, 117 tal-1978, 427 tal-2007, 146 tal-2010, 362 tal-2012, 334, 444 tal-2013, 482 tal-2014, 5 tal-2016, 97 u 383 tal-2017 u 104 u 351 tal-2019, 469 tal-2020, 464 tal-2021, 335 tal-2022, 286 tal-2023, 341 tal-2024 u 288 tal-2025.

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-Kunsill tal-Pagi tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u Assikurazzjoni biex jirregola l-Pagi.

Applikazzjoni tal-Ordni.

2. Id-dispożizzjonijiet murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha li dwarhom il-Kunsill tal-Pagi tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u Assikurazzjoni jaħdem.

SKEDA

Emendata:
A.L. 34 tal-1978;
A.L. 117 tal-1978;
A.L. 427 tal-2007;
A.L. 146 tal-2010;
A.L. 362 tal-2012;
A.L. 334 tal-2013;
A.L. 444 tal-2013;
A.L. 482 tal-2014;
A.L. 5 tal-2016;
A.L. 97 tal-2017;
A.L.383 tal-2017;
A.L.104 tal-2019;
A.L.351 tal-2019;
A.L.469 tal-2020;
A.L.464 tal-2021;
A.L.335 tal-2022;
A.L.286 tal-2023;
A.L.341 tal-2024;
A.L.288 tal-2025.

Tifsir.

1. (1) F'din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

Kap. 252.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet (barra mill-Ħdud) iddikjarati għal dak iż-żmien bħala btajjel pubbliċi skond jew taħt l-Att dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra;

"sena kalendarja" tfisser perjodu ta' tnax-il xahar li jibda mill-1 ta' Jannar u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru;

"ġurnata" fil-każ ta' mpjegati bix-*shift* ta' bil-lejl tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi; u fil-każijiet l-oħra kollha, tfisser perjodu li jibda jgħodd minn nofs il-lejl ta' ġurnata sa nofs il-lejl tal-ġurnata ta' wara;

"Direttur" tfisser id-Direttur tax-Xogħol u tinkludi kull uffiċjal awtorizzat minnu biex jaġixxi minfloku;

"ħinijiet tax-xogħol" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-

*Dan l-Ordni ġie mħassar bl-Avviż Legali 126 tal-2026.

impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, esklużi l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"impjegat industrjali" tfisser impjegat li jagħmel għal kollox jew prinċipalment xogħlijiet manwali jew ta' fattiga u tinkludi messaġġiera, *handymen*, fattigi u għassiesa;

"impjegat mhux industrjali" tfisser impjegat li jagħmel għal kollox jew prinċipalment xogħlijiet ta' skrivan u jinkludi *booking-clerk*, *accounts-clerk*, *shed-clerk*, *shorthand-typist*, *telephone operator/typist*, *reservation* u *sales clerk*, u tinkludi wkoll *courier/representative*;

"*shift* bil-lejl" tfisser kull perjodu ta' mpieg li jinkludi l-ħinijiet mill-10.00 p.m. ta' jum sas-6.00 a.m. tal-jum ta' wara;

"impjegat *part-time*" tfisser impjegat li s-sigħat normali ta' xogħol tiegħu, kalkolati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja tul perjodu ta' impieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali ta' xogħol ta' impjegat *whole-time* komparabbli u li ma jkunx impjegat *whole-time* b'sigħat imnaqqsa;

"perjodu ta' mpieg" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li fih l-impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, iżda li jinkludi l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"ħin u nofs" u "ħin doppju" ifissru rispettivament darba u nofs u darbtejn ir-rata minima tal-ħin attwali li tapplika għall-impjegat;

"paga" tfisser il-ħlas jew qligħ li jitħallas bi flus minn prinċipal lil impjegat;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa" tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi li jibda mill-ħin li fih l-impjegat normalment jibda t-*turn* tiegħu tax-xogħol;

"impjegat *whole-time*" tfisser impjegat li hu meqjus bħala impjegat *whole-time* skond xi kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg.

(2) Sabiex jiġu kalkolati s-sigħat medji ta' xogħol kull ġimgħa għall-finijiet ta' din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, għandu jittieħed akkont il-perjodu ta' mpieg mhux interrott matul is-sena kalendarja partikolari.

Ħinijiet ta' xogħol.

2. (1) Impjegati *whole-time* mhux industrjali:

(*a*) L-inqas paga fil-ġimgħa ta' mpjegati *whole-time* mhux industrjali barra minn *courier/representative* għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' ħamest ijiem mit-Tnejn sas-Sibt ta' mhux aktar minn erbgħin siegħa xogħol, eskluża sahra, kalkolati fuq bażi ta' medja matul sena kalendarja b'mod li l-impjegat ikollu ġurnata libera mix-xogħol hekk li din il-ġurnata tista' tkun liema tkun basta fil-ġurnata tas-Sibt ix-xogħol normali jieqaf fis-1.00 p.m.

(*b*) Fil-każ ta' *courier/representative* il-ġimgħa tax-xogħol għandha tkun ta' erbgħin siegħa mifruxa fuq ġimgħa

ta' sitt ijiem mit-Tnejn sal-Ħadd.

(2) Impjegati *whole-time* industrjali, barra minn għassiesa:

L-inqas paga fil-ġimgħa ta' mpjegati *whole-time* industrjali barra minn għassiesa għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' mhux aktar minn erbgħin siegħa xogħol, eskluż sahra, kalkolati fuq bażi ta' medja matul sena kalendarja.

(3) Għassiesa:

L-inqas paga fil-ġimgħa ta' għassiesa għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' mhux aktar minn tmienja u erbgħin siegħa xogħol, u ebda għassies m'għandu jiġi mħaddem għal aktar minn tmienja u erbgħin siegħa f'ġimgħa waħda.

(4) Orarju:

Orarju li jkopri perjodu ta' sena kalendarja għall-kategoriji kollha jew għal kategorijiet differenti ta' mpjegati fl-istess stabbiliment skond il-każ, għandu jingħata bil-miktub, b'ittra reġistrata, lid-Direttur u għandu, meta jiġi hekk notifikat u kemm-il darba jkun jaqbel għal kollox mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni u mal-ħtiġiet ta' xi liġi oħra, jikkostitwixxi l-ħinijiet normali tax-xogħol fl-istabbiliment:

Iżda -

(*a*) sakemm dak l-orarju jingħata lid-Direttur kif intqal qabel, il-ħinijiet normali tax-xogħol fl-istabbiliment għandhom ikunu ta' erbgħin siegħa f'kull ġimgħa, u

(*b*) kull tibdil fl-imsemmii orarju għandu jsir mill-prinċipal wara avviż bil-miktub dwar dawk it-tibdiliet lid-Direttur.

L-inqas rati ta' paga għal impjegati *whole-time*.
Emendat: A.L. 97 tal-2017; A.L.383 tal-2017; A.L.104 tal-2019; A.L.351 tal-2019; A.L.464 tal-2021; A.L.335 tal-2022; A.L.286 tal-2023; A.L.341 tal-2024; A.L.288 tal-2025.

3. L-inqas paga fil-ġimgħa li għandha titħallas lill-impjegati *whole-time* għandha tkun kif ġej:

(i) impjegati industrjali:
ta' 18-il sena jew fuqhom €229.44;
ta' 17-il sena €224.78;
ta' 16-il sena €222.45;

(ii) impjegati mhux industrjali:
matul l-ewwel sena ta' impieg fl-istabbiliment €229.44;
matul it-tieni sena ta' impieg fl-istabbilimient €231.77;
matul it-tielet sena ta' impieg fl-istabbiliment €234.10;
matul ir-raba' sena ta' impieg fl-istabbiliment ..... €238.76.

L-inqas paga ta' mpjegati *part-time*.

4. L-inqas rimunerazzjoni li għandha titħallas lill-impjegati *part-time* fil-kategoriji speċifikati fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda għandha tkun *pro rata* ta' kull siegħa li tinħadem billi l-ammont li jidher għall-kategorija jiġi diviż bin-numru ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa għall-kategorija relattiva.

L-anqas ħin ta' mistrieħ kuljum.

5. L-impjegati *whole-time* kollha, barra l-għassiesa, għandu jkollhom intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' mhux anqas, b'kollox, minn siegħa kull ġurnata:

Iżda l-intervall għall-ikel ta' nofs in-nhar ma jkunx itwal minn sagħtejn.

L-inqas ħin ta' mistrieħ fil-ġimgħa.

6. L-impjegati *whole-time* kollha għandu jkollhom ġurnata ta' mistrieħ f'kull ġimgħa.

L-anqas rati ta' sahra.

7. (1) Is-sahra għandha titħallas lill-impjegati *whole-time* kollha barra minn għassiesa u *courier*/*representative* -

(*a*) għall-ħin kollu maħdum barra mill-ħinijiet tax-xogħol normali kif stabbilit skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda bir-rata ta' ..... ħin u nofs;

(*b*) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn disa' sigħat f'ġurnata waħda, esklużi r-rati mħallsa skond is-subparagrafu (*a*) ta' dan il-paragrafu, u għal kull xogħol maħdum wara s-1.00 p.m. fil-ġurnata tas-Sibt, bir-rata ta' ..... ħin u nofs;

(*ċ*) għall-ħin kollu maħdum fil-Ħdud u fil festi tas-soltu, bir-rata ta' ..... ħin doppju.

(2) Il-partiti (*a*) u (*b*) tas-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu ma japplikawx għall-impjegati fuq xogħol ta' *shift* bil-lejl.

(3) Fil-każ ta' *courier*/*representative* is-sahra għandha titħallas hekk:

(*a*) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn erbgħin siegħa f'ġimgħa ta' sitt ijiem jew seba' sigħat f'ġurnata waħda ..... ħin u nofs;

(*b*) għall-ħin kollu maħdum fil-festi tas-soltu u fil-ġurnata tal-mistrieħ tal-ġimgħa ..... ħin doppju.

Allowance għal *shift* bil-lejl.

8. Impjegat ikun intitolat għal *allowance* għal *shift* bil-lejl ta' minn tletin wieħed tal-paga tiegħu fil-ġimgħa għal kull *shift* li jaħdem bil-lejl, iżda l-anqas *allowance* ta' minn ħmistax wieħed tal-paga fil-ġimgħa għandha titħallas f'kull ġimgħa li fiha jsir xogħol ta' *shift* bil-lejl.

Vaganzi.

9. L-impjegati *whole-time* jkollhom dritt, f'kull sena kalendarja, għal -

(*a*) il-vaganzi tas-soltu kollha b'paga sħiħa, u

(*b*) wara tliet xhur fl-impieg, *leave* ta' vaganza ta' dak in-numru ta' ġranet tax-xogħol b'paga sħiħa li jkun daqs in-numru ta' ġranet tax-xogħol li dak l-impjegat partikolari normalment ikollu jattendi għax-xogħol matul perjodu ta' erba' ġimgħat:

Iżda mpjegati *whole-time* li jkun ilhom fl-impieg għal anqas minn sena jkollhom dritt għal dik il-parti tal-imsemmi *leave* ta' vaganza li tkun bi proporzjon għan-numru ta' xhur fl-impieg.

Leave għal mard.

10. (1) Impjegat *whole-time* għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax-il ġurnata *leave* għall-mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* għall-mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dak l-ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda -

(*a*) l-ewwel tlett ijiem ta' kull talba għal-*leave* għall-mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(*b*) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba fil-*leave* għall-mard;

(*ċ*) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas tal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(2) Impjegat *whole-time* għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax-il ġurnata oħra *leave* għall-mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* għall-mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda -

(*a*) l-ewwel tlett ijiem ta' kull talba għal-*leave* għall-mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(*b*) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba fil-*leave* għall-mard;

(*ċ*) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas tal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(3) Il-prinċipal jista' jitlob ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib

tiegħu li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(4) Id-dritt ta' *leave* għall-mard mogħti bis-saħħa ta' dan il-paragrafu għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi provduta għal-*leave* annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87

Interruzzjoni ta' impieg.

11. Għall-finijiet tal-paragrafu 9 u tal-paragrafu 10, kull perjodu ta' inkapaċità għax-xogħol minħabba mard ta' mhux aktar minn tletin ġurnata ma jtellifx il-kontinwità tas-servizz.

Leave għal luttu u *leave* speċjali.

12. L-impjegati *whole-time* għandu jkollhom -

(*a*) jumejn *leave* bi ħlas fil-każ tal-mewt ta' xi ħadd minn dawn il-qraba: il-mara jew ir-raġel, l-omm jew il-missier, (jew il-persuma li dak iż-żmien kienet fil-fatt qed tagħmilha ta' omm jew missier l-impjegat) u iben jew bint l-impjegat, ħuh jew oħtu;

(*b*) ġurnata *leave* bi ħlas fl-okkażjoni tat-twelid ta' tarbija lill-mara tal-impjegat;

(*ċ*) tliet ijiem tax-xogħol *leave* bil-paga fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħhom.

Leave għal ġurati.

13. Impjegati *whole-time* li jiġu msejħa bħala ġurati jiġu mogħtija l-ħin kollu meħtieġ sabiex jagħtu s-servizz tagħhom fil-Qorti, mingħajr ebda tnaqqis mill-paga.

Leave għal korriment.

Kap. 318.

14. Impjegati *whole-time* jingħataw sena *leave* b'paga sħiħa f'każ ta' korriment nieqes kull benefiċċju għal korriment li għalih jista' jkollhom dritt skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, jekk ikorru waqt il-qadi attwali ta' dmirijiethom u mhux bi traskuraġni minn naħa tagħhom jew bi ksur ta' regoli ta' ħarsien mill-periklu stabbiliti mill-*management*.

Età ta' rtirar.

15. F'każijiet fejn irtirar mix-xogħol ta' mpjegat raġel ikun mistenni fl-età ta' sittin sena, dan l-impjegat għandu jingħata l-opportunità mill-prinċipal biex jibqa' fl-impieg tiegħu wara li jkun għalaq is-sittin sena sakemm ikollu wieħed u sittin sena, iżda l-istess impjegat jitħalla, jekk ikun irid hekk, jirtira fl-età ta' sittin sena.

NOTA TA' TIFSIR

(Din in-nota mhix parti mill-Ordni iżda hija maħsuba biex turi l-applikabilità tiegħu).

Id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda ta' hawn fuq japplikaw għall-impjegati kollha f'kull impriża jew parti minn impriża li l-attivitajiet tagħha għandhom x'jaqsmu għal kollox jew prinċipalment mal-provvista ta' servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' vjaġġar (inkluż trasport ta' merkanzija bil-baħar jew bl-ajru) jew assikurazzjoni, jew *estate agencies* u għal għassiesa, *telephone operators* u persuni oħra mpjegati minn aġenti ta' vapuri, agenti ta' vjaġġar, jew kuntratturi li jaħdmu abbord vapuri meta jkunu fl-

ibħra territorjali ta' Malta.